MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 100/2012

**Rita Chircop**

**vs**

**Francis Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promoturipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-21 ta' Marzu 2012 fejn l-attrici talbet lill din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' erbat elef, disgha mija u sitta w erbghin Ewro u sebgha u tletin Ewro centezmu (€4,946.37) rapprezentanti bilanc ta' self brevi manu moghti lilu qabel illum u li sal-lum ghadu ma giex imhallas oltre l-imghax legali mid-data tas-self sal-jum tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez tal-prezenti u kif ukoll ta' l-Ittra Ufficcjali bin-numru 3066/2011 datata 29 ta' Lulju 2011 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 3324/2011 akkordat fil-

15 ta’ Novembru 2011 kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat naqas li jidher fis-seduta tas-17 ta’ Ottubru 2012 sabiex iwiegeb ghad-domandi attrici jew li jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu u dan kif jirrizulta mit-timbru tal-marixxall John Micallef datat 31 ta’ Mejju 2012 a fol 11 tergo ta’ l-atti minn fejn jirrizulta li thalliet kopja tar-rikors promotur fir-residenza tal-konvenut, fl-ghassa tal-Pulizija ta’ Hal Qormi u fil-Kunsill Lokali ta’ Hal Qormi.

Rat illi l-konvenut gie wkoll notifikat permezz ta’ avviz li deher fil-gazzetta tal-Gvern nhar is-6 ta’ Gunju 2012 kif jirrizulta minn kopja esebita a fol. 10 tal-atti.

Rat illi l-konvenut gie wkoll notifikat permezz ta’ avviz li deher fil-gazzetta lokali The Malta Independent nhar it- 12 ta’ Ottubru 2012 kif jirrizulta minn kopja esebita a fol.16 ta’ l-atti.

Rat illi fis-seduta tas-17 ta’ Ottubru 2012 l-avukat difensur tal-attrici ipprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut.

Rat illi fis-seduta tal-31 ta’ Ottubru 2012, il-konvenut naqas li jidher in subizzjoni.

**Ghaldaqstant, din il-Qorti issib it-talba attrici gustifikata u timmerita li tigi konfermata b’dan illi tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici is-somma mitluba fir-rikors promotur fl-ammont ta’ erbat elef, disgha mija u sitta w erbghin Ewro u sebgha u tletin Ewro centezmu (€4,946.37) u dan bl-imghax li ghandu jibda jiddekorri mil-lum.**

**L-ispejjez kif mitluba fir-rikors promotur ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------